# AWTORITA' TAD-DJAR

NOVEMBRU 1992.

**Rapport Amministrattiv**
**Bejn l-1 t'Ottubru 1991**
**u t-30 ta' Settembru 1992**

**Rapport Finanzjarju**
**Bejn l-1 t'Ottubru 1991**
**u t-30 ta' Settembru 1992**

**Estimi ta' Nfieq u Dhul**
**Bejn l-1 t'Ottubru 1992**
**u t-30 ta' Settembru 1993**

**Mhejjija Skond l-Artikli**
**11 u 13 ta' l-Att**
**Dwar l-Awtorita' Tad-Djar (Kap. 261).**

## KONTENUT


RAPPORT AMMINISTRATTIV .................................... 1 - 7

RAPPORT FINANZJARJU .............................................. 8 - 12

ESTIMI GHAS-SENA 1992/93 ......................................... 13 -18

## AWTORITA' TAD-DJAR

## RAPPORT AMMINISTRATTIV 1991/92

### 1.0 Dahla

**1.1** Dan ir-rapport ifisser hidmet l-Awtorita' tad-Djar tul it-tnax-il xahar mill-1 ta' Ottubru 1991 sat-30 ta' Settembru 1992.

**1.2** Matul din is-sena mit- 8 ta' Marzu 1991 sal-5 ta' Mejju 1992, hidmet l-Awtorita' tad-Djar tmexxiet minn Bord nominat permezz ta' Avviz Numru 200 tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu 1991. Dan il-Bord kien kompost mill-

Perit Catherine Galea B.Sc. (Eng.),B.A. (Arch), A&CE,
(Chairman)
Sur Paul V. Mifsud B.A. (Hons), M.A.
(Deputat Chairman)
Sinjura Pauline Ellul
Perit Joe Falzon M.Sc(Lond), B.Sc.(Eng.), B.A.(Arch), A&CE.,
Sur Saviour Gatt
Sur Charles Micallef A.C.I.S., C.S.A., Dip.M.
Sur Gaetan Naudi A.C.I.S.,
Sur Joseph Scicluna,
Sur Piju Spiteri

Skond il-prattika wzata meta jkun hemm tibdil fl-Amministrazzjoni Governattiva, il-membri tal-Bord offrew ir-rrizenja taghhom. Dawn gew accettati mill-Prim Ministru.

Fil-15 ta' Mejju 1992 l-Avukat Robert Tufigno LL.D. gie nnominat Chairman ta' l-Awtorita' tad-Djar. Skond avviz legali numru 489 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju il-Bord komplut gie kompost b'effet mis-17 ta' Lulju 1992 mill:-

Dr. Robert Tufigno LL.D. (Chairman),
Sur Richard Sladden,
Il-Perit Joseph Falzon M.Sc (Lond) B.Sc (Eng) B.A. (Arch) A&CE,
Sur A. Zarb F.C.C.A., M.I.A., C.P.A.A., M.B.A. (Warwick)
Dr. George Grech M.R.C.S.(Eng) L.R.C.P. (Lond),
Dr. Suzanne Felice LL.D.
Sur Victor Sciberras Grioli (Segretarju)

**1.3** Matul dawn l-ahhar tnax-il xahar il-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqa' 7 darbiet. Barra minn hekk, membri tal-Bord attendew bosta laqghat ta' sotto-kumitati li l-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar waqqaf minn zmien ghal zmien biex jistharrgu b'reqqa u jwettqu decizjonijiet dwar suggetti specifici.

**2.0 Sena ta' Hidma Impenjattiva.**

**2.1** Matul din is-sena l-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar baqa' miexi fil-hidma tieghu fuq il-"Guideline Policies" ghas-snin 1987-1997, li l-Bord kien approva hames snin ilu.

**2.2** Bejn Ottubru 1991 u Settembru 1992 taht Avvizi 40 u 41 hargu ghal allokazzjoni 160-il appartament f'Malta (jigifieri Floriana, Isla, Mosta, Mqabba, Sta. Venera, Birkirkara, Zabbar) u f'Ghawdex, Victoria.

Dawn kienu mqassma hekk:-

| LOKALITA' | NRU. TA' UNITS | |
|---|---|---|
| | KIRI | XIRI |
| **MALTA** | | |
| Birkirkara | -- | 2 |
| Floriana | 15 | 16 |
| Isla | 8 | -- |
| Mosta | -- | 32 |
| Mqabba | -- | 7* |
| Sta. Venera | 16 | 16 |
| Zabbar | 40 | -- |
| | 79 | 73 |
| **GHAWDEX** | | |
| Victoria | -- | 8 |
| **TOTAL** | | 160 |

*** Maisonettes**

Ghall dawn 160-il appartament l-Awtorita' tad-Djar irceviet 497-il applikazzjoni.

Waqt l-ipprocessar ta' dawn l-497 applikazzjoni l-Awtorita' tad-Djar kienet ghaddejja wkoll bl-ipprocessar ta' 1814-il applikazzjoni ghal 558-il appartamenti f'Attard, fil-Fgura, fil-Floriana, fil-Hamrun, fl'Isla, fl-Imtarfa, f'Rahal Gdid, f'San Gwann, f'Sta Venera, fis-Siggiewi, f'tal-Hawli, Valletta, f'Zabbar u f'Zebbug mahruga taht l-Avvizi 33, 34, 37 u 38 li kienu hargu qabel iz-zmien ta' dan ir-rapport.

Matul ix-xhur ta' Frar u Marzu tas-sena 1992 dawk il-beneficjarji li kkwalifikaw ghal appartament gew infurmati. F'kaz ta' dawk l-appartamenti li gew allokati b'bejgh sar ukoll il-ftehim preliminari fuqhom.

**2.3 Skema tal-"Home Ownership"**

Wara li sar il-processar tal-923-il applikazzjoni ghall-299 plots li hargu taht l-iskema tal-**"Home Ownership"** - Harga Gunju '91, fix-xahar ta' Ottubru 1991 saret il-polza biex l-applikanti li kkwalifikaw validatament jigu allokati l-plot fil-lokalita' li ghaliha applikaw.

Wara din il-polza, l-Awtorita' tad-Djar baghtet ghall-applikanti li telghatilhom il-plot biex isir il-konvenju. Dawn il-beneficjarji kellhom l-ghazla bejn zewg tipi ta' ghajnuna minghand l-Awtorita' tad-Djar, jigifieri ghotja ta' flus sa massinmu ta' Lm 3000 jew self sussidjat. Anke f'din il-Harga l-ghotja ta' flus kienet l-aktar maghzula mill-beneficjarji, fil-fatt 89% ghazlu l-ghotja ta' flus.

**2.4 Skemi biex il-kerrej isir Sid Ta' Daru**

L-Awtorita' tad-Djar permezz ta' l-Avvizi Legali 179 u 180 li deheru fil-Gazzetti tal-Gvern tal-26 ta' Novembru 1991 harget zewg skemi ohra G u H biex thajjar il-kerrejja isiru sid darhom. L-iskema "G" tapplika ghall dawk il-kerrejja li joqghodu f'proprjeta' tal-Gvern waqt li skema "H" tapplika ghal dawk li joqghodu fi proprjeta' tal-privat. Dawn iz-zewg skemi hadu post l-iskemi "E" u "F" li skadew fis-7 ta' Settembru 1991.

S'issa taht dawn iz-zewg skemi godda applikaw 263-il persuna. Sar l-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll kompla l-ipprocessar fuq l-applikazzjonijiet pendenti ta' l-iskemi precendenti jigifieri skemi A, B,C,D,E, u F,

F'dan il-perjodu ta' tnax-il xahar saru:

1. 8 kuntratti tal-bejgh ta' djar tal-Gvern taht Skema "A".

2. 4 kuntratti tal-bejgh ta' appartamenti tal-Gvern taht Skema "B".

3. Kuntratt wiehed taht Skema "C" u iehor taht Skema "D".

4. 93 konvenju u 102 kuntratti tal-bejgh ta' djar u appartamenti tal-Gvern taht Skema "E".

5. 130 kuntratt ta' bejgh taht Skema "F".

6. 25 konvenju u 2 kuntratti tal-bejgh ta' djar u appartamenti tal-Gvern taht Skema "G".

7. 28 kuntratt ta' bejgh taht Skema "H".

Oltre dan, gew ippublikati 158-il kuntratt fuq appartamenti godda tal-Gvern. Saru ukoll 108-il konvenju u 133-il kuntratt fuq appartamenti godda li hargu taht l-ahhar avvizzi ta' l-Awtorita' tad-Djar.

## 2.5 Il-Progett ta' l-Imtarfa

L-Awtorita tad-Djar tat spinta qawwija fl-izvilupp ta' l-Imtarfa. Ix-xoghol fuq iz-zewg blokki ta' 13-il appartament-il wiehed (jigifieri Binja Tifkiriet Punici u Binja San David) wasal fil-final tieghu.

Bhalissa l-Awtorita' tad-Djar qieghda fl-ahhar stadju ghal hrug ta' tender ghall-Landscaping ta' madwar il-blokki (li qabel kienu mgharufa bhala Married Quarters) u li bih ser jinbnew disghin garaxx ghall-bzonnijiet tar-residenti u jitranga l-ambjent.

Ix-xoghol ta' tindif u fejn kien hemm bzonn ta' twaqqih ta' bini fejn irid jaqa' qieghda fl-ahhar stadju kif ukoll l-ippjanar fid-dettal ta' aktar djar tat-tip Cluster Houses li l-bini taghhom huwa ppjanat li jibda fis-sena amministrattiva 1992/1993.

L-Awtorita' tad-Djar ikkonkludiet bl-ahjar mod possibli l-ippjanar mill-gdid ta' dawk l-H.O.S. plots li kienu gew effetwati mis-sejba tas-Silos.

Issa wasal fi stadju finali wkoll il-landscaping tal-Cluster Houses.

Qed isir xoghol ghall-izvilupp tal-"football ground" bil-facilitajiet mehtiega sabiex dan jigi integrat fil-projett shih ta' l-Imtarfa.

Qed jitkomplew il-pjanijiet ghall izvilupp tac-Centru tal-Imtarfa halli r-residenti jigu moqdija ahjar.

Gie mqabbad kuntratur halli iqatta l-blat halli jigu ffurmati t-toroq specjalment fl-area fejn hemm l-HOS plots.

Sar ukoll xoghol f'dawk il-blokki (Ex-Married Quarters) li ma kellhomx access ghall-bjut. B'dan il-mod ir-residenti tal-blokki ser ikollhom access ghal dawn il-bjut ghall-ahjar uzu taghhom u b'hekk ukoll tinghata dehera ahjar lil dawn il-blokki.

## 2.6 Self mill-ERF

Bis-sahha tal-ftehim ezistenti bejn il-Gvern ta' Malta u l-"European Resettlement Fund" tal-Kunsill tal-Ewropa, f'Dicembru 1991 l-Awtorita' tad-Djar irceviet self b'imghax issusidjat fl-ammont ta' Lm2,044,932. B'hekk l-Awtorita' tad-Djar tkun aktar f'pozizzjoni li tinvesti flus fil-bini ta' djar ghall-poplu u twettaq il-programm taghha.

## 2.7 Attivitajiet ohra ta' matul is-sena

**2.7.1** Saru 135-il kuntratt minn Nutara tal-beneficjarji halli jigu ffinalizzati t-trasferiment tal-HOS plots lill beneficjarji. Dawn jinkludu wkoll kuntratti rigward fidi ta' cnus gravanti fuq dawn l-istess HOS plots.

**2.7.2** L-Awtorita' tad-Djar irceviet tlett applikazzjonijiet ghall-ftuh ta' hwienet fuq HOS plots. Dawn qed jigu processati flimkien ma dawk l-applikazzjonijiet li diga qieghdin f'idejn l-Awtorita' tad-Djar.

**2.7.3** Il-policy ta' l-Awtorita' tad-Djar fejn il-beneficjarji stess jistghu jiddisponu mill-plot flimkien ma' izvilupp li jkun sar fuqha giet imgedda b'tibdil sal-31 ta' Jannar 1993. F'dan it-tnax-il xahar l-Awtorita' tad-Djar approvat 27 applikazzjoni, u gew finalizzati 19.

### 2.7.4 Taqsima Notarili

Is-sezzjoni notarili kienet responsabbli ghall-pubblikazzjoni ta' 231 il-kuntratt. Barra minn hekk din is-sezzjoni tidraftja il-kuntratti rigward appartamenti godda allokati mill-Awtorita` tad-Djar u li il-kuntratti jigi ppublikat minn nutar maghzul mill-beneficjarju nnifsu.

Din is-sezzjoni ppreparat applikazzjonijiet ghal "Land Registry" li jkoppru trasferimenti ta` art u bini mtella fuqha kemm mid-Dipartiment ta` l-Art favur l-Awtorita` tad-Djar kif ukoll mill-Awtorita` tad-Djar favur il-beneficjarji ta` l-istess Awtorita` tad-Djar.

Qed issir verifika ta` ricerki tal-beneficjarji ta` HOS plots qabel ma jsir it-trasferiment final mill-Awtorita` tad-Djar lill-istess beneficjarji biex jigi zgurat li l-beneficjarji taw informazzjoni korretta fil-applikazzjoni li huma sottomettew ghall-allokazzjoni tal-plots.

### 2.7.5 Postijiet b`Offerti

Permezz tad-Dipartiment tal-Art, l-Awtorita` tad-Djar harget offerti ghal bejgh ta` garaxxijiet u hwienet f`diversi lokalitajiet residenzjali f`Malta. L-Awtorita` tad-Djar innifisa harget b`offerti appartamenti gol Pieta` u Bugibba. Id-dhul mill-bejgh ta` fondi jintuza ghall-bini ta` appartamenti li jinghataw lill-poplu bi prezz jew kera sussidjata.

## 3.0 Gheluq

Meta wiehed jezamina bir-reqqa l-hidma ta' l-Awtorita' tad-Djar f'dawn l-ahhar tnax -il xahar wiehed jinduna bl-attivita' kbira li kellhom l-imjegati kollha taghha, mill-kbir saz-zghir.

**L-Awtorita' tad-Djar kellha pjan xi tattwa u dan lahqitu.**

Ghaldaqstant l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tirringrazzja l-impjegati taghha ghad-dedikazzjoni taghhom fuq ix-xoghol, kif ukoll lill-pubbliku li ghen bil-koperazzjoni tieghu biex l-Awtorita' tad-Djar setghet ukoll din is-sena taqdi d-dmir taghha.

**29 ta' Ottubru, 1992.**

**Robert Tufigno** **Joe Falzon**

**Suzanne Felice**

AWTORITA' TAD-DJAR

RAPPORT FINANZJARJU 1991/92

**DAHLA**

Ir-Rizultati tas-sena li ghaddiet juru hidma bla heda minn naha ta' l-Awtorità tad-Djar u jixhdu x-xoghol siewi li sar fil-qasam tad-Djar. Kif kien intqal fir-rapport tas-sena ta' qabel, l-Awtorità tad-Djar ziedet l-attivitajiet biex tilhaq ahjar l-ghanijiet taghha. Dan jidher miz-zieda kontinwa fil-pjan finanzjarju.

**1. NEFQA KAPITALI**

**1.1** Il-bini ta' progetti godda baqa' ghaddej b'ritmu tajjeb. Fl-ahhar snin dan zdied minn nefqa kapitali ta' £m100,000 fl-1986 ghal £m1,089,743 fis-sena finanzjarja li ghalqet. Din is-sena l-istima hi ta' £m2,341,000. Fis-snin li ghaddew l-Awtorità tad-Djar ikkoncentrat aktar fuq progetti mqassma ma' Malta u Ghawdex waqt li xoghol fuq progetti specifici baqa' miexi. Il-hrug ta' flus mhux dejjem jirrifletti x-xoghol kbir li jkun sar matul is-sena. Infieq ta' dan it-tip jiddependi minn nies li ma jkunux ghal kollox taht il-kontroll ta' l-amministrazzjoni, bhal ma huma kuntratturi tal-bini .

**1.2** L-Awtorità tad-Djar barra bini strutturali taghmel ukoll studju biex issib siti tajbin ghall-bini kemm jista' jkun f'lokalitajiet jew diga' bi zvilupp fihom jew hdejhom kif ukoll biex taghmel hsara mill-anqas lill-ambjent. L-Awtorità tad-Djar tibqa' zzomm dan il-vot u tibqa tahdem biex twettaq dan l-iskop ghalkemm l-infieq attwali mhux dejjem jirrifletti l-hidma li tkun saret.

**1.3** Il-progett dwar bini li jiffranka l-energija qed jinghata importanza kbira u issa li hu possibli li jitwettaq sejjer isir kull sforz biex dan il-progett jinbeda. Preparamenti u diskussjonijiet ma' korpi ohra ghadhom mhumiex finalizzati u ghalhekk sal-ahhar ta' din is-sena x-xoghol ma setax jinbeda.

**1.4** Huwa il-hsieb li fi zmien qasir l-Awtorità tad-Djar takkwista kompjuters u attrezzamenti ohra mehtiega ghal uzu tal-perit li hemm ma' l-Awtorità tad-Djar u s-sezzjoni teknika taghha.

It-tabella ta' hawn taht taghti stampa aktar cara ta' l-ispiza ta' kull sena fejn jidhol il-kontribut ta' l- Awtorita' tad-Djar fil-bini ta' progetti tad-djar.

*Infieq kapitali matul is-snin*




## 2. INFIEQ SOCJALI

2.1 Dan l-impenn baqa' dejjem jizdied. Xi skemi saru mfittxija hafna u l-Awtorità tad-Djar kellha taghmel sforz specjali biex tlahhaq mat-talba li nholqot.

2.2 Minhabba l-fatt li ghad fadal xi kuntratti xi jsiru, numru ta' djar li gew mibnija mill-Gvern ma setghux jinbieghu u ghaldaqstant ix-xerrejja ma setghux jiehdu s-sussidju kif kien mahsub. Din hija r-raguni ghaliex l-ammont ta' £m1,121,400 ma ntefaqx kollu. Minkejja dan il-beneficcjarji ma sofrewx hsara ghax setghu jokkupaw il-fond l-istess.

2.3 Kien hemm talba qawwija ta' kerrejja biex jixtru d-dar li jabitaw fiha kemm dawk tal-Gvern kif ukoll dawk tal-privat. La darba skemi bhal dawn huma ta' fejda u popolari, l-Awtorità tad-Djar hassitha gustifikata u fid-dmir li l-infieq f'dan ir-rigward jizdied hafna aktar milli kien mahsub.

2.4 Wiehed jinnota li fis-sussidju dirett lill dawk li jiehdu bicciet ta' art fil-hargiet tal-'*Home Ownership Scheme*', ghalkemm l-Awtorità tad-Djar tkun ikkommettiet li dan il-valur ikun proporzjonat skond iz-zmien kif stipulat fil-hargiet rispettivi, l-beneficjarji mhux necessarjament jimxu bir-ritmu li jkun mixtieq u mahsub fil-harga relativa; ghalhekk s-somma stmata ma tintlahaqx. B'dana kollu xorta wahda l-Awtorità tad- Djar jkollha tibqa' timxi fuq l-istess kalkoli u fuq il-pjanijiet li tkun ghamlet, ghaliex il-metodu li jintuza huwa wiehed li ghandu jintlahaq kieku x-xoghol jimxi skond il-pjanijiet u l-harga relativa.

2.5 Ghalkemm il-pubbliku qed jaghmel hafna talbiet ghal sussidju fuq fidi tac-cnus, madankollu l-vot jiddependi mit-twettieq ta' kuntratti bejn l-Awtorità td-Djar u l-beneficjarji. Il-kuntratti nfushom jehtiegu hafna xoghol u koordinazzjoni shiha ma' dipartimenti ohra kif ukoll man-nutara imqabbda mill-beneficjarji. Minhabba dawn ir-ragunijiet hafna cnus ma setghux jigu mifdija. Dan irrifletta ruhu fuq il-vot tas-sussidju fuq ic-cnus kif ukoll fuq il-vot dwar id-dhul mic-cnus.

2.6 It-tabella ta' hawn taht turi b'mod aktar car il- kontribut ta' l-Awtorità tad-Djar biex ic-cittadini Maltin isiru sidien ta' darhom.

*Infieq Socjali*



2.7 Din it-tabella turi biss il-flus li l-Awtorità tad-Djar thallas direttament lill-beneficjari. Ma dawn wiehed irid izid somom ohra li jintefqu meta beneficjarji jixtru darhrom bi prezz ferm anqas mill-prezz tas-suq. Ghalhekk fil-waqt li ghas-sena 91-92 wiehed irid izid is-somma ta' £m800,000, ghas-sena 92-93 wiehed irid izid is-somma ta' £m1,641,000. Dwn huma d-differenzi ghas-snin rispettivi bejn il-valur reali ta' l-appartament u l-prezz li bih jinbiegh lill-beneficjarji.

## 3. INFIEQ RIKORRENTI

3.1 Zieda fl-attività normalment iggib maghha zieda fl-infieq rikorrenti. Izda dan ma kienx il-kaz. Ghalkemm inholqu xi differenzi fl-infieq ta' bejn vot u iehor r-risultat globali kien li l-infieq rikorrenti baqa' fil-limitu ta' dak li kien progettat.

3.2 Il-hlas ta' imghaxijiet fuq self mill-Awtorità tad-Djar waqa lura b'pagment ta' Settembru li minhabba diffikultajiet fil-makkinjarju tat-trasferiment ta' flus barranin dan baqa' ma wasalx fid-destinazzjoni tieghu sal-ahhar tax-xahar.

3.3 Kif diga' intqal aktar 'l fuq, l-iskemi ta' l- Awtorità tad-Djar huma ferm popolari u l-poplu ikkonkorra bis-shih ghalihom. Din iz-zieda fid-domanda holqot il-bzonn ta' sforz akbar mill-haddiema biex lahhqu mat-talba li kien hemm u ghalhekk kellhom jinhadmu aktar sieghat biex ix-xoghol jigi pprocessat, kif ukoll ta' aktar htigijiet fl-ufficju. Dan irrizulta f'nefqa oghla minn dik mahsuba f'dawn iz-zewg voti, li kienet gustifikata biex l-Awtorità tad-Djar tilhaq l- ghan taghha.

3.4 L-istess cirkustanzi tellfu fil-pjan li kien hemm ghall-tahrig akbar ghall-haddiema. Dan kellu jigi ristrett bil-konsegwenza li l-figura vvotata ma' ntlahqitx.

## 4. DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETA' TAL-GVERN

4.1 Il-bejgh ta` proprjetà tal-Gvern kemm jekk godda kif ukoll mikrija mexa b`ritmu qawwi u hekk insibu sommom qatt milhuqa qabel. Dan jirrifletti l-ghajnuna li inghatat sabiex in-nies tkun tista' issir sid darha. Dan jidher car mill figuri hawn taht migbura.

Bejgh ta` Appartamenti Godda

| | £m |
|---|---|
| 1986 | 254,187 |
| 1987 | 43,679 |
| 1988 | 27,750 |
| 1989 | 195,770 |
| 1990 | 392,079 |
| 1991 | 446,932 |
| 1992 | 1,125,290 |

Bejgh ta` Appartamenti lil Kerrejja

| | £m |
|---|---|
| 1986 | 148,690 |
| 1987 | 21,582 |
| 1988 | 74,236 |
| 1989 | 324,698 |
| 1990 | 534,318 |
| 1991 | 176,221 |
| 1992 | 460,509 |

**4.2** Il-voti tas-sussidji jimxu id f'id mal-vot tal- bejgh ta' proprjetà. Wiehed jara l-ispjegazzjoni fuq dawk il-voti.

**4.3** Ghalkemm l-Awtorità tad-Djar tipprovdi ghall-bejgh ta' bcejjec ta' art kummercjalment, din l-attività m'hijiex wahda li tiehu priorità fil-programm. Il-proprjetà li jkollha valur kbir fis-suq tista' tinbiegh lill-privat biex taghmel tajjeb ghall-infieq socjali a beneficcju ta' minn jehtieg dar fejn joqghod.

## 5. DHUL RIKORRENTI

**5.1** Fl-1991 kien hemm cirkustanzi favorevoli ghall- akkwist ta' self minn barra u ghal din ir-raguni sar self f'zewg okkazjonijiet kull darba b'kundizjonijiet tajbin. Dan hu previst ukoll ghas-sena diehla.

**5.2** Minhabba l-investimenti li l-Awtorità tad-Djar ghandha attwalment ghas-sena finanzjarja li jmiss ser jigu likwidati investimenti biex ikopru l-infieq socja-li u hlas lura ta' self.

29 ta' Ottubru, 1992

Robert Tufigno

Anthony Zarb

Suzanne Felice

AWTORITA' TAD-DJAR
ESTIMI GHAS-SENA 1992/1993
FIL-QOSOR

| INFIEQ | LM |
|---|---|
| A - Nefqa Kapitali | 2,525,000 |
| B - Nefqa Socjali f'Sussidji | 2,980,200 |
| C - Nefqa Rikorrenti | 2,332,200 |
| | 7,837,400 |

| FINANZJATI MID-DHUL LI GEJ: | |
|---|---|
| D - Dhul minn bejgh ta' postijiet tal-Gvern | 2,733,000 |
| E - Dhul Rikkorenti | 5,104,400 |
| | 7,837,400 |

**NOTA: Dawn l-estimi ma jinkludux fondi ohra, mill-Fond Konsolidat, li jistghu jigu approvati fl-Estimi tal-Gvern aktar tard matul is-sena, ukoll allokati ghall-"Programm ta' bini ta' Djar".**

## A - NEFQA KAPITALI

| 1990/91 NEFQA | 1991/1992 STIMA | 1991/1992 NEFQA | DETTAL | 1992/93 STIMA | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 647,915 | 800,000 | 762,870 | 1. Kontribuzzjoni ta' l-Awtorita' ghall-programm tal-bini ta' Djar. | 1,000,000 | L-Awtorita' tad-Djar tikkontribwixxi mill-fond taghha stess ghal xogholijiet fuq appartamenti godda mibnija mill-Gvern |
| 546,075 | 800,000 | 326,973 | 2. Progett tal-Belt Gdida fl-Imtarfa | 1,341,100 | Tkopri bini ta' appartamenti u svilupp ta' din il-belt. |
| - | 20,000 | NIL | 3. Studju ta' Progetti ta' bini ta' djar | 20,000 | Vot mahsub ghal studju ta' zvilup ta' progetti godda ghad-djar. |
| - | 60,000 | NIL | 4. Progett ta' bini li jiffranka l-energija | 60,000 | Vot gdid biex jahseb ghal progett esperimentali ta'bini li jikkontrolla t-temperatura biex isir uzu anqas ta' energija artificjali |
| 48,476 | 62,200 | 12,711 | 5. Attrazzament tal-ufficcji ta' l-Awtorita' | 57,900 $ | Ikopri tkomplija ta' attrezzament tal-ufficcji ghall-Awtorita' tad-Djar, zjieda fl-ghamara u taghmir ieho |
| 713 | 5,400 | 1,363 | 6. Zieda fil-Kompjuterizzazzjoni ta' l-Ufficcju | 46,000 | Vot li jahseb ghal aktar attrezzament tal-komputer kif ukoll xiri ta' sistema specjalizzata ghall-uzu tal-periti. |
| 3,000 | 5,000 | 2,822 | 7. Xiri ta' vetturi | NIL | |
| 1,246,179 | 1,752,600 | 1,106,739 | | 2,525,000 | |

$ Fis-snin ta' qabel dan il-vot kien maqsum fi tnejn 'attrezament ta' ufficini' u 'Xiri ta' ghamara'

## B - NEFQA SOCJALI F'SUSSIDJI

| 1990/91 NEFQA | 1991/1992 STIMA | 1991/1992 NEFQA | DETTAL | 1992/93 STIMA | | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | | |
| 600,682 | 1,121,400 | 833,150 | 1.Sussidji lix-xerrejja ta'postijiet godda, battala mibnija mill-gvern | 573,000 | * | L-Awtorita' tad-Djar ma tbieghx l-appartamenti bil-prezz kummercjali taghhom (ghajr ghal xi ecezzjonijiet) izda bi prezzijiet issussidjati skond skemi stabbiliti. |
| 192,894 | 340,400 | 746,359 | 2.Sussidji lill-inkwilini ta' postijiet tal-gvern | 643,100 | * | |
| 6,900 | 66,200 | 7,980 | 3.Sussidji fuq fidi ta' cnus | 60,800 | * | L-Awtorita' tad-Djar toffri lil-beneficjarji tal-plots tal-HOS, permezz ta' skemi, li jifdu c-cens b'rata ghola minn dik stipulata bil-ligi. |
| - | 33,200 | 70,343 | 4.Sussidju fuq hlas ta' cnus | 74,000 | $ | Vot biex jahseb ghas-sussidju moghti fuq il-pagamenti ta' cnus tal-HOS plots. |
| 88,553 | 108,300 | 196,538 | 5.Sussidju lix-xerrej ta' postijiet privati | 253,800 | | L-Awtorita' tad-Djar toffri, permezz ta'skema, lil inkwilini ta' postijiet tas-settur privat li jekk dawn jixtru darhom taghtihom ghotja bhala ghajnuna. |
| 128,343 | 740,700 | 263,590 | 6.Sussidji diretti lil dawk li jinghataw plots fil-hargiet tal-HOS | 932,200 | | Fil-Hargiet Sett.88, Sett 89 Aww 90 u Gunju 91 L-Awtorita' offriet ghazla ta' ghotjiet diretti minnflokk sussidju fuq l-imghax. |
| 331,047 | 390,000 | 284,505 | 7.Sussidji fuq l-imghaxijiet ta' self mill-Lohombus | 443,300 | | Fid-diversi skemi taghha l-Awtorita' tad-Djar toffri lil-beneficjarji sussidju fuq l-imghaxijiet mhallsa fuq self ghall-bini ta' darhom. |
| 1,348,419 | 2,800,200 | 2,402,465 | | 2,980,200 | | |

* Ara nota fuq pagna " Dhul minn bejgh ta' proprejta tal-Gvern

$ Ara nota fuq pagna " Dhul Rikorrenti "

C - NEFQA RIKORRENTI

| 1990/91 NEFQA | 1991/1992 STIMA | 1991/1992 NEFQA | DETTAL | 1992/93 STIMA | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 277,657 | 485,000 | 469,041 | 1.Hlas ta' imghaxijiet u kapital fuq self ghall-izvilupp | 1,230,300 | L-Awtorita' tad-Djar thallas regolarment l-imghaxijiet u s-sommom kapitali fuq is-self li takwista. |
| 204,971 | 222,000 | 246,371 | 2.Salarji, pagi, ecc | 355,000 | |
| 16,227 | 20,200 | 23,602 | 3.Iltigijiet tal-Ufficcju | 20,200 | |
| 17,970 | 20,700 | 17,086 | 4.Trassport | 16,900 | |
| - | 200 | NIL | 5.Spejjez Mixxellanji | 200 | |
| - | 5,000 | 2,116 | 6.Hlas ta' dawl u ilma | 2,500 | |
| - | 600 | NIL | 7.Spejjez legali u ta' registrazzjoni tal-art | 600 | |
| 6,422 | 6,500 | 2,678 | 8.Spejjez fuq konferenzi u tahrig ghall-impjegati | 6,500 | L-Awtorita' tad-Djar thoss il-htieha qawwija li tharreg l-impjegati taghha f'kull qasam tal-Amministrazzjoni |
| 1,500 | 1,500 | 1,500 | 9.Hlas lill-Awdituri | 1,500 | |
| 984,467 | 487,500 | 487,500 | 10.Fond ghal hlas lura tas-self | 698,500 | L-Awtorita' tad-Djar ghandha programm ta' provedement ta' kull kull sena ghal hlas lura tas-self |
| 1,509,214 | 1,249,200 | 1,249,894 | TOTAL | 2,332,200 | |

## D - DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETA' TAL-GVERN

| 1990/91 DHUL | 1991/1992 STIMA | 1991/1992 DHUL | DETTAL | 1992/93 STIMA | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 1,047,614 | 2,247,600 | 1,958,440 | 1.Bejgh ta' appartamenti godda | 1,500.000 * | Il-postijiet godda mibnija mill-Gvern u mill-Awtorita' tad-Djar li jitlestew fis-sena 1992-1993 U jinbieghu stmati b'valur kummercjali |
| 369,115 | 684,000 | 1,206,868 | 2.Bejgh ta' postijiet lill-inkwilini | 935,000 * | Postijiet tal-Gvern u ta' l-Awtorita' tad-Djar li jinbieghu lill-inkwilini taht id-diversi iskemi tal-Awtorita' tad-Djar stmati b'valur kummercjali. |
| 1,450 | 193,200 | 32,256 | 4.Fidi ta' Cens | 162,000 * | Cnus fuq artijiet tal-HOS li jigu mfdija b'rata stmata skond il-ligi. |
| 27,883 | 60,600 | 25,791 | 3.Bejgh ta' bcejjec ta' art ghall-bini | 136,000 | Bcejjec ta'art tal-Gvern jinbieghu ghall-bini ta' postijiet f'diversi lokalitajiet. |
| 1,446,062 | 3,185,400 | 3,223,355 | | 2,733,000 | |

* Il-valur stmat hu wiehed kummercjali w is-sussidju jidher fuq pagna ta' " Nefqa socjali f' sussidji "

## E - DHUL RIKORRENTI

| 1990/91 DHUL | 1991/1992 STIMA | 1991/1992 DHUL | DETTAL | 1992/93 STIMA | NOTI |
|---|---|---|---|---|---|
| Lm | Lm | Lm | | Lm | |
| 94,484 | 182,800 | 211,279 | 1.Cnus ta' artijiet li hargu taht l-HOS | 233,000 * | |
| 1,674 | 5,400 | 500 | 2.Kera ta' postijiet tal-Gvern | 5,700 | Minn dawk il-postijiet li jghaddu f'idejn l-Awtorita' tad-Djar biex jinbieghu, sakemm jinbieghu, kif ukoll xi postijiet mibnija mill-fondi tal-Awtorita' tad-Djar, ikun dovut il-kera fuqhom lil-istess Awtorita'. |
| 2,195 | 5,000 | 663 | 3.Dhul minn permessi ghall-hwienet f'bini tal-HOS | 5,000 | Drittijiet li jithallsu lill-Awtorita' meta tapprova permessi ghal ftuh ta' hwienet |
| 3,081 | 3,000 | 2,377 | 4.Lawdemju | 3,000 | Hlas ta' Lawdemju ikun dovut lill-Awtorita' tad-Djar fuq trasferiment lil terzi persuni |
| 43,076 | 40,000 | 32,451 | 5.Dhul minn trasferimenti ta' artijiet tal-HOS | 40,000 | Jekk art tal-HOS tigi trasferita lil terzi persuni bil-kunsens ta' l-Awtorita' tad-Djar ikun dovut hlas lill-Awtorita' tad-Djar skond skema stabbilita. |
| 52,873 | 45,000 | 35,042 | 6.Rimborz ta' sussidji | 45,000 | Jekk art tal-HOS tigi trasferita qabel ma' jaghlaq iz-zmien stipulat fl-iskema relattiva, ikunu iridu jithallsu lura s-sussidji jew parti minnhom lill-Awtorita' tad-Djar. |
| 313,515 | 290,400 | 364,692 | 7.Imghax minn investimenti u flus fil-Bank | 371,500 $ | Ikopru nteressi minn investimenti temporanji u fondi ghal hlas lura tas-self. |
| Nil | 145,000 | 135,474 | 8.Liquidazzjoni ta' investimenti | 2,901,200 | Vot gdid li jkopri liqwidazzjoni ta' investimenti biex jithallas lura is-self u jaghmel tajjeb ghad-diskrepanza bejn dhul u hrug. |
| 975,935 | 900,000 | 2,044,932 | 9.Self | 1,500,000 | L-Awtorita' tad-Djar takkwista self ghat-twettieq tal-programm taghha. |
| 1,486,833 | 1,616,600 | 2,827,410 | | 5,104,400 | |

* Is-sussidju jidher fuq pagna ta' " nefqa socjali u f'sussidju".
$ Is-somma kwotata fis-sena ta' qabel issa hi maqsuma f'dhul minn interessi u f'dhul minn liquidazzjoni ta' investimenti